**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**-Vs-**

**CHRISTOPHER DRAGO**

***-OMISSIS-***

**Illum, 13 ta' Novembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **CHRISTOPHER DRAGO** ta' 39 sena, iben Joseph u Antoinette nee' Galea, imwieled Msida fit-30 ta' Awwissu 1967 u joqgħod 'Casa Drag', Triq Dun Mikiel Xerri, Attard. Numru tal-karta tal-identita' 411867(M) u ***Omissis***, li fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT ġew akkużati talli :-

> Fis-7 ta' Novembru 2002 f'vettura ġewwa Birkirkara u sussegwentement f'maħżen f'Ħal Lija, kif ukoll fit-23 ta' Diċembru 2002 f'maħżen ġewwa l-Mellieħa wara intervent u tfittxija mill-Uffiċjali tal-Pulizija, instab, li f'dawk il-ġranet, it-tnejn flimkien, bil-kompliċita' u bil-kooperazzjoni ta' xulxin,

kontra l-liġi, bil-ħsieb u bil-qerq li seta' jinħarab milli jitħallas id-dazju u/jew xi xorta ta' taxxa oħra dovuta jew biex jeħilsu minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni li tkun tgħodd, xjentement, kellhom fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tagħhom 610 kaxxa (12,198 flixkun) )xorb alkoholiku – Vodka Favorit, liema xorb huwa parti minn konsenja ta' 1060 kaxxa Vodka Favorit, rilaxxati għall-esportazzjoni mid-Dwana ta' Malta fl-4 ta' Lulju 2002.

Il-valur totali ta' 610 kaxxa Vodka jammont għal Lm6099.00,0 ; Dazju tas-Sisa u VAT dovuti jammontaw ghall-Lm 34154.00,0 u Lm 6038.01,0 rispettivament, liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 60(a)(c)(e)(k) u 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kap 37 u l-Artikoli 16 (j)(n) u 17 (a)(b) ta' l-Att XVI 1995 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998)

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Frar 2023 li ddikjarat nulla u bla effett is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-17 ta' Ottubru 2022 u ordnat li l-atti jintbagħtu lura lilha biex jinstemgħu mill-ġdid id-dokumenti li ma jinstabux fl-atti proċesswali, u wara dan tingħata sentenza skont il-liġi u b'rispett lejn id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq;

Rat id-digriet mogħti mis-S.T.O. il-Prim'Imħallef fit-2 ta' Marzu 2023 a tenur tal-artikolu 11(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali, fejn assenja l-kawza odjerna lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat il-*letter to prosecute* tal-Kontrollur tad-Dwana, Dok. JB1[1];

Rat il-*letter to prosecute* tal-Kummissarju tal-VAT, Dok. CA1[2];

[1] Ara wkoll xhieda ta' Joe Borg, 25 ta' Mejju 2023.
[2] Ara wkoll xhieda ta' Connie Azzopardi, 25 ta' Mejju 2023.

Rat id-digriet mogħti fis-7 ta' Diċembru 2016 li permezz tiegħu ġie ordnat li l-proċeduri fil-konfront tal-imputat Christopher Drago jitmexxew separatament mill-proċeduri fil-konfront tal-ko imputat *Omissis*;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tas-6 ta' Frar 2014 fejn il-provi tal-Prosekuzzjoni ġew dikjarati magħluqin;

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' April 2017 id-difiża ddikjarat li l-imputat m'għandux provi xi jressaq;

Rat l-atti kollha inkluż dawk li ġew kompilati quddiemha meta kienet diversament preseduta;

Rat id-digriet mogħti fis-7 ta' Diċembru 2016 li permezz tiegħu ġiet ordnata s-separazzjoni tal-ġudizzju bejn l-imputat odjern Christopher Drago u l-ko-imputat *Omissis*;

Rat il-provi u d-dokumenti l-oħra kollha akkwiżiti;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u d-difiża jeżentawha milli terġa' tisma' mill-ġdid it-testimonjanza tax-xhieda li diġa' xehdu quddiemha meta kienet diversament preseduta u liema xhieda ġiet debitament traskritta;

Semgħet ix-xhieda ta' Peter Grima u Joseph Borg fis-seduta tas-17 ta' April 2023;

Semgħet ix-xhieda ta' Connie Azzopardi, PS 1147 Antoine Fenech u Jeffrey Azzopardi fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2023;

Semgħet lid-difiża titlob differiment fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2023 biex tagħmel il-kontro-eżami tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni f'seduta oħra u rat id-digriet tagħha mogħti

fl-istess seduta fejn laqgħet din it-talba iżda għamlitha ċar li l-kontro-eżamijiet kollha opportuni kellhom isiru fis-seduta ta' wara;

Semgħet lid-difiza fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023 tiddikjara li ma teħtieġx tagħmel kontro-eżami lil ebda wieħed mix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2023;

Rat illi minkejja li hija tat żmien lid-difiża biex tippreżenta jekk tixtieq nota ta' sottomissjonijiet in linea ta' trattazzjoni finali, ma ġie preżentat ebda nota u lanqas saret talba għall-estensjoni taz-żmien mogħti;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat Christopher Drago qiegħed jiġi mixli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT illi fis-7 ta' Novembru 2002 kif ukoll fit-23 ta' Diċembru 2002 b'kompliċita' u kontra l-liġi bil-ħsieb li jinħarab milli jitħallas id-dazju u jew xi xorta ta' taxxa oħra dovuta, jew biex jeħles minn xi projibizzjoni jew limitazzjoni li tkun tgħodd, instab fil-pussess ta' 610 kaxxa jew 12,198 flixkun tax-xorb alkoħoliku tad-ditta Vodka Favorit.

Hija t-teżi tal-Prosekuzzjoni illi dan ix-xorb kien jifforma parti minn konsenja ta' 1,060 kaxxa tal-istess xorb tad-ditta Vodka Favorit li kienet ġiet rilaxxata għall-esportazzjoni mid-Dwana ta' Malta fl-4 ta' Lulju 2003, iżda minflok dan ix-xorb ġie esportat, sab ruħu fuq is-suq lokali fil-pussess jew taħt il-kontroll tal-imputat, mingħajr ma tħallset id-dazju fuq il-konsenja qabel din inħarġet mill-*bonded stores*.

Mix-xhieda jirriżulta illi fis-7 ta' Novembru 2002, il-Pulizija marru ġewwa maħżen fi triq ġewwa Birkirkara fuq rapport anonimu, fejn sabu ħamsin kaxxa kontenenti

fliexken tax-xorb alkoħoliku, Vodka, li kien qed jitgħabbew minn ċertu Omar Adam ġewwa vann[3]. Omar Adam xehed illi huwa kien tqabbad minn Christopher Drago biex dakinhar jgħabbi x-xorb minn ġewwa l-imsemmi maħżen f'Birkirkara għal ġol-vann, jipparkja l-vann quddiem il-ħanut tal-imsemmi Christopher Drago u jħallilu ċ-ċavetta. Ikkonferma li kien għabba wkoll fuq struzzjonijiet tal-istess imputat xi 40 jew 50 kaxxa minn maħżen ieħor ġewwa Ħal Lija. Meta l-Pulizija daħlu ġewwa ħanut bl-isem Vision Centre, fit-triq ta' wara l-maħżen f'Birkirkara, sabu lill-imputat Christopher Drago kif ukoll ċertu Noel Mifsud u minn hemmhekk bdiet investigazzjoni dwar il-kaxxi tax-xorb li kienu ġew interċettati jitgħabbew fil-vann, u saret tfittxija oħra f'maħżen ieħor ġewwa Ħal Lija fejn instabu mija u ħdax (111)-il kaxxa oħra tal-istess Vodka, bl-isem Favorit, b'għoxrin flixkun f'kull kaxxa. Dawn il-kaxxi lkoll ġew elevati mill-Pulizija fl-istess ġurnata, 7 ta' Novembru 2002, mill-pussess tal-imputat Christopher Drago li ffirma riċevuta Dok. GA5. Dawn il-fliexken li nstabu fil-maħżen ta' Ħal Lija jidhru fir-ritratti esebiti minn PS 964 Robert Scicluna (Dok. RS1 sa Dok. RS6)[4].

Jirriżulta wkoll li matul spezzjoni oħra li saret mill-Pulizija ġewwa l-Mellieħa f' Diċembru 2002, f'garaxx li jagħmel parti mill-fond 171, Triq il-Fortizza, Mellieħa di proprjeta' ta' Mary Zilike, liema garaxx dak iż-żmien kien mikri għand l-imputat[5], instabu erba' mija u disgħa u erbgħin (449) kaxxa b'għoxrin flixkun kull wieħed ta' 70cl mill-istess konsenja ta' Vodka Favorit. Dawn il-kaxxi ġew elevati mill-Pulizija fil-prezenza tal-imputat li ffirma riċevuta Dok. GA6 datata 24 ta' Diċembru 2002.

L-Uffiċċju tad-Dwana ħareġ nota ta' qbid datata 27 ta' Marzu 2007[6] li permezz tagħha ġew konfiskati b'kollox 610 kaxxa kontenenti 12,198 flixkun tal-vodka tad-ditta Vodka Favorit, li kienu elevati fis-7 ta' Novembru 2002 u fit-23 ta' Diċembru 2002

---

[3] Għalkemm skont il-Prosekuzzjoni dan il-vann kien inkera lil ċertu Noel Mifsud, ir-riċevuta tal-kiri tal-vann esebit mill-Prosekuzzjoni, Dok. GA4, turi li l-vann inkriet fl-1 ta' Ottubru 2002 għal dik il-ġurnata biss. Hemm riċevuta oħra Dok. GA9, li tirreferi għad-data 7 ta' Novembru 2002 iżda fix-xhieda tiegħu Godwin Mifsud ma xehdex dwar Dok. GA9 iżda dwar Dok. JA8.
[4] Ara xhieda tal-Ispettur Geoffrey Azzopardi, 29 ta' Mejju 2013.
[5] Ara xhieda Mary Zilike, 29 ta' Mejju 2013.
[6] Dok. JB2, paġna 107 tal-atti tal-kawża.

minn tliet postijiet differenti[7] mill-pussess tal-imputat Christopher Drago u Noel Mifsud.

Dawn il-kaxxi tax-xorb li ġew konfiskati bis-saħħa tan-nota ta' qbid, ġew esebiti formalment fl-atti proċesswali[8].

Mix-xhieda ta' Vito Aufieri jirriżulta li fis-sena 2002 l-imputat Christopher Drago kien mar għandu biex tramite l-kumpannija tiegħu Freight Services Limited, titħejja d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-esportazzjoni barra minn Malta (*export documents*) ta' container li skont il-karti li kien għaddielu l-imputat, kien fih konsenja ta' vodka. Hu kien ħejja d-dokumenti li kellhom jiġu proċessati mid-Dipartiment tad-Dwana biex imbagħad jiġu trasmessi lill-burdnar, u kien ħallas ukoll għan-nom tal-imputat l-ispejjeż tar-renta tal-*bonded stores*. Ikkonferma li kien sar il-proċess kollu biex il-container jiġi esportat u kien ħareġ fattura lill-imputat Christopher Drago li in segwitu kien ħallsu kollox.

Peter Grima, li fiż-żmien tal-akkużi kien l-uffiċjal inkarigat mill-*bonded stores* tad-Dwana fejn kien qed jinżamm il-container bil-konsenja ta' xorb tad-ditta Vodka Favorit, xehed illi din il-konsenja- wara li kienet daħlet Malta mill-importatur Veltrade Limited li d-direttur tagħha huwa Anthony Mario Vella[9] - għamlet żmien fil-maħżen tad-Dwana. Hemmhekk, għad illi d-dazju ma kienx imħallas, il-merkanzija ma kienetx titqies bħala merkanzija importata iżda wara xi żmien, meta l-kera tal-*bonded stores* kienet akkumulat sew, is-sid tal-merkanzija kien infurmah li sab il-bejgħ tagħha u fil-fatt kien ġie jarah l-imputat Christopher Drago ma' xi ħaddieħor biex jixtriha. Iżda in segwitu kien ġie deċiż li din il-merkanzija tiġi esportata u d-Dwana kienet ipproċessat id-dokumenti kollha biex issir l-esportazzjoni ta' 1,060 kaxxa tal-vodka f'isem l-importatur oriġinali Veltrade Limited[10] u fil-fatt, billi l-merkanzija kienet sejra tiġi esportata u mhux tinħareġ fuq is-suq lokali, ma kienx

[7] Birkirkara, Ħal Lija u l-Mellieħa.
[8] Ara xhieda ta' Joe Borg, 17 ta' April 2023, kif ukoll Dok. JB2 u oġġetti formalment esebiti fid-29 ta' Mejju 2017.
[9] Ara xhieda PL Quentin Tanti, 29 ta' Mejju 2013, Dok. QT1, QT2.
[10] Ix-xhud għamel referenza għal export documents esebiti f'paġna 111 tal-atti proċesswali.

tħallas id-dazju tas-sisa fuqha. Ix-xhud ikkonferma illi d-dazju kien ikun dovut u jkollu jitħallas jekk il-merkanzija tinħareġ fuq is-suq lokali, bħalma kien ġie mħallas id-dazju fuq dawk il-kaxxi tax-xorb li kienu diġa' nħarġu qabel mill-*bonded stores* kif indikat f'Dok. PG1. Ikkonferma wkoll li l-valur tal-konsenja li kellha tiġi esportata, ċioe 1,060 kaxxa, kien ta' USD24,380 skont kif jirriżulta mid-dokument esebit f'paġna 114 tal-atti proċesswali.

L-imputat Christopher Drago irrilaxxa żewġ stqarrijiet meta ġie interrogat mill-Pulizija fid-9 ta' Novembru 2002 u fil-25 ta' Diċembru 2002. Minn ħarsa ħafifa lejn dawn l-istqarrijiet jirriżulta minnufih li l-imputat għamel dikjarazzjonijiet ferm inkriminanti għalih u li jimpinġu negattivament fuq il-pożizzjoni legali tiegħu, u dan fi żmien meta l-liġi, fis-sena 2002, ma kienetx tipprovdi għal jedd għal assistenza legali lil persuna suspettata li kkommettiet reati kriminali. Fil-fatt, f'dan il-kaz l-istqarrijiet esebiti fl-atti proċesswali ttiehdu minghand l-imputat minghajr ma ngħatalu fl-ebda okkażjoni minnhom, id-dritt li jagħżel li jikkonsulta avukat qabel jiġi interrogat jew li jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni.

Il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[11] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[12], kif affermata fil-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Jannar 2020 fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** u wkoll fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Timothy Joseph Agius**[13], ilkoll mogħtija fuq l-iskorta ta' diversi deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[14], paċifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1), abbinat mal-Artikolu 6(3)(c), tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt għall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jiġix ippruvat li hemm raġunijiet impellenti għaliex dan id-dritt għandu jiġi ristrett.

[11] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[12] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[13] 21 ta' Lulju 2020.
[14] Il-Qorti Ewopeja.

Fil-kaz odjern, fejn l-istqarrijiet tal-imputat ittieħdu fi żmien meta d-dritt tas-suspettat li jkollu xi xorta ta' assistenza legali, kien għadu ma daħalx fis-seħħ, jirriżulta illi s-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li sseħħ leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti. Madanakollu, din il-Qorti, anke wara li rat l-insenjament l-iktar recenti tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Farrugia v. Malta**[15] u **Beuze v. Belgium**[16], ma taqbilx illi r-rimedju f'sitwazzjonijiet bhal dawn għandu jkun it-tneħħija tal-istqarrija mill-atti, anke għaliex in-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma jnaqqasx mill-ammissibbilita` bhala prova, tal-istess stqarrija u lanqas iwassal awtomatikament għal leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Jingħad illi sabiex jigi ravviżat ksur ta' dan il-jedd, il-proċeduri jridu jitqiesu fit-totalita` tagħhom wara li l-proċess kriminali ikun intemm b'dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat[17].

Fil-fatt, ġie ritenut konsistentement mill-qrati domestiċi fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, illi waħdu, l-użu f'proċeduri kriminali ta' stqarrija minn suspettat mingħajr ma jkun assistit minn avukat, ma jwassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u jrid jiġi kkunsidrat il-proċess fit-totalita' tiegħu[18].

Iżda fil-każ ta' **Azarsanov and Borokov v. Russia**[19], fejn l-applikanti kienu nstabu ħatja ta' reati kriminali biss abbażi tal-konfessjonijiet li huma flimkien mal-ko akkużati l-oħrajn kienu għamlu fi stadju meta kienu diġa' ikkunsidrati mill-Pulizija bħala persuni suspettati, għaliex dawn kienu jikkostitwixxu l-unika evidenza deċiżiva tal-ħtija tagħhom, ġie ritenut:-

*"Consequently, they should have benefited, as from the moment of their de facto arrest, from all rights inherent to this status including the right to a lawyer. Once*

---

[15] App. 63041/13, deċiża fl-4 ta' Ġunju, 2019.
[16] App. 71409/10, deċiża fid-9 ta' Novembru, 2018.
[17] Ara decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Dimech vs. Malta**, App. Nr. 34373/13, deciza 2 ta' April 2015, u **Tyrone Fenech v. Malta**, deciza 5 ta' Jannar 2016.
[18] Ara fost oħrajn, **Briegel Micallef v. L-Avukat Ġenerali**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali 30 ta' Ġunju 2021.
[19] App. 63160/13 u App. 33661/14, deċiża 19 ta' Lulju 2022.

*brought to the police stations, the applicants made confession statements. There is no indication in any of the files that either of the applicants were apprised of their rights, including their right to a lawyer, prior to giving their confession statements. The Court is thus satisfied that the applicants' right of access to a lawyer was restricted."*

Il-Qorti Ewropeja ddeċidiet li l-użu ta' dawn l-istqarrijiet inkriminanti **bħala l-uniku bażi għas-sejbien ta' ħtija** kien biżżejjed biex twassalha tikkonkludi li l-*overall fairness* tal-proċeduri kriminali kontra l-applikanti kienet preġudikata b'mod li huwa inkompatibbli mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Għall-Qorti, dan jirriafferma l-fehma tagħha illi fid-deċiżjoni dwar ħtija, il-piż li jista' talvolta jinghata lil xi stqarrija rilaxxata mill-persuna suspettata mingħajr ma tkun ingħatat ebda aċċess għall-assistenza ta' avukat fl-ebda stadju, għandu jiġi stabbilit wara li jittieħed qies tal-eżistenza ta' evidenza oħra, is-saħħa probattiva ta' din l-evidenza l-oħra, kif ukoll fl-isfond tal-proceduri kollha fl-intier taghhom.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tosserva illi fiċ-ċitazzjoni jingħad illi l-imputat aġixxa bi ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi u saret referenza espressa għad-dispożizzjonijiet tal-Art. 62(a), (b), (c) tal-Ordinanza tad-Dwana, fost dispożizzjonijiet legali oħrajn. Dawn jiddisponu, rispettivament illi huwa ħati ta' reat kull min:-

(a) *jimporta jew idaħħal, jew ikollu x'jaqsam f'illi jiġu mportati jew imdaħħlin, f'Malta, oġġetti li tagħhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni tagħhom hija limitata, b'kontravvenzjoni ta' dik il-projbizzjoni jew limitazzjoni, sew jekk dawn l-oġġetti jkunu ġew żbarkati kemm le; jew*

(b) *jiżbarka, jew jgħin jew ikollu b'xi mod ieħor x'jaqsam f'illi jiġu żbarkati oġġetti li tagħhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni*

*tagħhom hija limitata u mportati b'kontravvenzjoni ta' dik il-limitazzjoni, jew oġġetti suġġetti għal dazju, bla ma dan id-dazju jkun ġie mħallas jew ikkawtelat; jew*

*(ċ) jikkunsinna, iwarrab, jew jirtira minn bastiment, moll, bankina, jew lok ieħor, qabel l-eżami tagħhom mill-uffiċjal inkarigat tad-dwana, mhux bl-awtorità jew taħt is-sorveljanza ta' dan l-uffiċjal, oġġetti mportati f'Malta, jew oġġetti ddikjarati biex jiġu mdaħħla fid-depożt wara li jiġu żbarkati, b'mod li l-uffiċjal inkarigat ma jkunx jista' jieħu tagħhom nota kif imiss, jew b'mod li ma jkunux ġew imdaħħla fid-depożt kif imiss;*

Il-Qorti tosserva illi l-imputazzjoni kif ġiet impostata fiċ-ċitazzjoni ma tagħmel ebda referenza kwalsiasi għall-kliem tad-dispożizzjonijiet tal-liġi appena ċitati li jfasslu r-reati rispettivi, liema reati ma jinkwadraw xejn fil-kliem tal-unika akkuża fiċ-ċitazzjoni.

L-artikolu 360(2) tal-Kap. 9 jiddisponi li ċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, **il-fatti tal-akkuża**, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.

Għall-Qorti dan ifisser illi jeħtieġ dejjem li r-reati li l-imputat jiġi mixli bihom, ikunu faċilment identifikati minn qari sempliċi taċ-ċitazzjoni bl-imputazzjonijiet ikunu mfassla b'riproduzzjoni tal-kliem tal-liġi li toħloq ir-reat addebitat u jekk dan ikun fil-forma aggravat tiegħu, tal-kliem li jidentifikaw il-fatti aggravanti. Dan hu essenzjali biex l-imputat jista' iħejji d-difiża tiegħu u jfisser li l-Qorti tista' tiġġudikah biss abbażi ta' reati u fatti li joħorġu mill-*avviso da comparire*, u xejn aktar. Il-Qorti tqis illi l-indikazzjoni tal-artikoli tal-liġi fuq iċ-ċitazzjoni m'hijiex biżżejjed biex tiġġustifika stħarriġ ġudizzjarju dwar ħtija o meno tal-akkużat, jekk ir-reati relattivi ma jkunux ukoll joħorġu mill-kliem tal-imputazzjoni: kemm hu hekk, kwalunkwe konsiderazzjoni oltre r-reati indikati kif prospettati fic-citazzjoni, tkun manifestament *ultra vires*.

F'kull każ, ma jirriżultax mill-provi li kien l-imputat Christopher Drago li importa l-konsenja tax-xorb in diżamina ġewwa Malta jew li kien hu li żbarka jew għin jew kellu x'jaqsam b'xi mod fl-iżbark ta' din l-istess konsenja. Ma hemm ebda prova lanqas illi l-imputat kellu xi involviment fl-irtirar jew dħul fid-depożt tal-konsenja bi ksur tal-paragrafu (c) tal-istess artikolu 62 tal-Kap. 37[20].

Il-provi juru iżda, illi fis-7 ta' Novembru 2002, l-imputat instab fil-pussess ta' ħamsin kaxxa kontenenti fliexken ta' Vodka Favorit li kienu qed jitgħabbew ġewwa vann f'Birkirkara, kif ukoll fil-pussess ta' mija u ħdax-il kaxxa oħra tal-istess vodka li kienu nstabu ġewwa maħżen f'Ħal Lija, filwaqt li fit-23 ta' Diċembru 2002 l-istess imputat instab fil-pussess ta' erba' mija u disgħa u disħgin kaxxa oħra tal-istess ditta ta' vodka ġewwa garaxx fi Triq il-Fortizza, Mellieha – b'kollox sitt mija u għaxar (610) kaxxa, kull waħda kontenenti għoxrin flixkun Vodka Favorit.

Il-prova tal-fatt li l-imputat kien fil-pussess tal-kaxxi kollha li in segwitu ġew konfiskati mill-Uffiċċju tad-Dwana fis-27 ta' Marzu 2007 bil-ħruġ tan-nota ta' qbid, hi stabbilita, in kwantu għall-kaxxi tax-xorb li nstabu f'Ħal Lija u l-Mellieħa, mill-fatt illi l-imputat odjern iffirma r-riċevuti tal-qbid[21] b'affermazzjoni li l-kaxxi elevati mill-Pulizija kienu proprjeta' tiegħu u ġew elevati fil-presenza tiegħu, rispettivament. In kwantu għall-ħamsin kaxxa li ġew elevati minn maħżen ġewwa Birkirkara fis-7 ta' Novembru 2002, huwa ppruvat li dawn kienu taħt il-kontroll tal-imputat għaliex Omar Adam xehed, inkontestat, illi huwa kien qed jgħabbi dawn il-ħamsin kaxxa tax-xorb fuq struzzjonijiet tal-imputat Christopher Drago.

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li l-kaxxi bil-fliexken tal-vodka li ġew elevati mill-pussess tal-imputat, kienu jifformaw parti mill-konsenja ta' kaxxi tal-vodka li kienet ġiet

[20] Art. 62(ċ) iqis bħala ħati kull min jikkunsinna, iwarrab, jew jirtira minn bastiment, moll, bankina, jew lok ieħor, qabel l-eżami tagħhom mill-uffiċjal inkarigat tad-dwana, mhux bl-awtorità jew taħt is-sorveljanza ta' dan l-uffiċjal, oġġetti mportati f'Malta, jew oġġetti ddikjarati biex jiġu mdaħħla fid-depożt wara li jiġu żbarkati, b'mod li l-uffiċjal inkarigat ma jkunx jista' jieħu tagħhom nota kif imiss, jew b'mod li ma jkunux ġew imdaħħla fid-depożt kif imiss.

[21] Ir-riċevuti oriġinali ġew esebiti fl-atti proċesswali Dok. GA5 u Dok. GA6.

oriġinarjament importata ġewwa Malta minn Veltrade Limited u li kienet qed tinżamm fil-*bonded stores* tad-Dwana, liema konsenja kienet sussegwentement ġiet rilaxxata mill-awtoritajiet doganali in kwantu għal elf u sittin (1,060) kaxxa minn din il-konsenja, għall-esportazzjoni. Tikkontendi illi sakemm dan ix-xorb (wara li ddaħħal Malta) kien għadu qed jinzamm fid-depożt tad-dwana, u sakemm l-intendiment kien li dan jerġa' jiġi esportat, ma kienx meħtieġ li jitħallas id-dazju. Madankollu, minflok ma ġie esportat, dan ix-xorb sab ruħu fis-suq lokali fil-pussess tal-imputat mingħajr ma kien tħallas fuqu d-dazju tas-sisa.

Vito Aufrelio xehed b'mod inkontradett, illi kien l-imputat Christopher Drago li kien inkarigah biex iħejji u jipproċessa d-dokumentazzjoni għall-esportazzjoni tax-xorb li kien qed jinżamm fid-depożt tad-Dwana. Minn eżami tad-dokumenti esebiti minn Vito Aufiero, jirriżulta li l-importatur tal-konsenja oriġinali tax-xorb kif ukoll l-esportatur eventwali, kienet Veltrade Co. Limited, u l-esportazzjoni ta' 1,060 kaxxi ta' Vodka ġiet awtorizzata mid-Dwana fl-4 ta' Lulju 2002. Dan ġie affermat ukoll minn Peter Grima fix-xhieda tiegħu li kkonferma wkoll li l-valur tal-konsenja li kellha tiġi esportata, ċioe 1,060 kaxxa, kien ta' USD24,380[22] u li minħabba li kellha tiġi esportata u mhux rilaxxata fuq is-suq lokali, ma kienx tħallas dazju tas-sisa fuq il-konsenja tax-xorb in diżamina.

Huwa minnu li ma nġiebetx prova konkreta u diretta illi x-xorb li ġie konfiskat mill-pussess tal-imputat huwa effettivament provenjenti mill-istess konsenja li kienet ġiet importata minn Veltrade Limited - illi in segwitu ġiet rilaxxata lill-istess kumpannija għall-esportazzjoni. Ukoll, ebda xhud imressaq mill-Prosekuzzjoni ma identifika l-kaxxi li ġew interċettati fis-suq tabilħaqq bħala dawk li kienu importati minn Veltrade Limited. L-Ispettur Geoffrey Azzopardi xehed biss "*... anke mid-dokumenti almenu kienu jirriżultawlna illi dan il-container partikolari tgħabba u telaq għall-esportazzjoni. Pero bħlama għidt qabel, din il-konsenja partikolari kellha l-istickers*

[22] Ara dokument esebit f'paġna 114 tal-atti proċesswali.

*fuqha li 'imported by Veltrade' u għal xi raġuni għalkemm kellha d-dokumenti kollha għall-export, din spiċċat fuq is-suq lokali mingħajr ma tħallset dazju fuqha*"[23].

Iżda l-Qorti, mill-ġabra sħiħa tal-provi, tirriskontra ness konklussiv bejn l-imputat u l-konsenja tal-vodka li nħarġet mid-depożt tad-dwana għall-esportazzjoni fl-4 ta' Lulju 2002: hu ppruvat mix-xhieda ta' Vito Aufelio u mid-dokumenti esebiti, li kien l-imputat li, tramite l-kumpannija Freight Services Limited, kien għamel l-arranġamenti meħtieġa biex il-bqija tal-konsenja li kienet ġiet oriġinarjament importata minn Veltrade Limited u kienet miżmuma fid-depożt tad-dwana, tiġi ri-esportata f'isem l-istess importatur. Barra dan il-fatt li Peter Grima fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, għaraf lill-imputat Christopher Drago bħala wieħed mill-persuni li kienu marru jispezzjonaw il-konsenja fil-*bonded stores* tad-Dwana fil-presenza tiegħu, għaliex kien interessat li jixtriha.

Ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li jnissel xi dubju raġjonevoli f'moħħ il-Qorti li s-sitt mija u għaxar kaxxa tax-xorb li nstabu fil-pussess tal-imputat, moħbija ġo diversi mħażen, ma kienux jifformaw parti mill-konsenja oriġinali ta' elf u sittin kaxxa li kienet intiża għall-esportazzjoni u li **ġiet rilaxxata mill-imputat innifsu mill-imħażen tad-dwana**. Magħdud dan il-fatt illi l-provi kollha, anke mingħajr dik il-prova sfiqa li waħedha torbot il-konsenja intiża għall-esportazzjoni mal-kaxxi li nstabu taħt il-kontroll tal-imputat, flimkien isawru ness li huwa konklussiv biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti mingħajr ma tħalli dubju li hu raġjonevoli, illi **l-imputat kien jaf illi x-xorb li kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu - li hu tal-istess ditta tax-xorb importat minn Veltrade Limited li kien ħa ħsieb hu stess li jiġi rilaxxat mill-maħżen tad-dwana, fejn kien iddepożitat, għall-esportazzjoni biss erba' xhur qabel - ma kienx tħallas dazju fuqu**.

Il-provi fl-assjem tagħhom huma biżżejjed ukoll biex jiġi ravviżat l-element formali tax-xjenza da parti tal-imputat illi huwa laqa' għandu u żamm dan ix-xorb fil-pussess tiegħu, kontra l-liġi mingħajr ħlas ta' dazju. Jirriżulta wkoll li kien kellu x'jaqsam

[23] Xhieda tad-29 ta' Mejju 2017, paġna 36 u 37 tal-atti proċesswali.

mal-ġarr u twarrib ta’ dan ix-xorb u dan kollu bil-għan illi jiffroda l-Gvern minn xi dazju li jkun imiss jitħallas fuqu.

Fil-fatt, lanqas hemm bżonn li ssir referenza għaż-żewġ stqarrijiet li kien irrilaxxa lill-Pulizija fejn ikkonfessa l-involviment tiegħu fl-iskema li saret biex l-ewwel jagħmel l-arranġamenti għall-esportazzjoni tal-Vodka Favorit importat minn Veltrade Limited u mbagħad, biex dan ix-xorb jitqassam fis-suq lokali

F’dan kollu l-Qorti tirravviża l-elementi kollha tar-reati taħt il-paragrafi (f), (g), (h), (i) u (k) tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit mill-provi li d-dazju fuq il-konsenja tax-xorb li parti minnha nstabet fil-pussess tal-imputat, ma kienx tħallas, tgħodd il-presunzjoni maħsuba fl-artikolu 77 tal-Kap. 37:-

*Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti, maqbuda minħabba nuqqas ta’ ħlas ta’ dazju, jew għal raġuni oħra li ġġib magħha l-konfiska, inkella fi proċedimenti għall- ġbir ta’ xi piena ta’ flus jew xort’oħra skont din l-Ordinanza tinqala’ kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oġġetti kienx ġie mħallas, jew jekk dawk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi, jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oġġetti, f’kull wieħed minn dawn il-każijiet il-prova tiegħu tmiss lill-persuna li tagħmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tiegħu jsir dak il-proċediment, skont il-każ.”*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sydney Ellul Sullivan,** il-Qorti tal-Appell Kriminali[24] għamlet referenza għal diversi sentenzi li jittrattaw l-oneru tal-prova stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana u fost oħrajn riteniet:-

[24] Deciza fil-15 ta' Lulju, 2004.

“*Fil-kawza fl-ismijiet  Il-Pulizija vs. Mario Scicluna, deċiża fis-7 ta' Marzu, 1985, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37 , meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati, il-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat. 'Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju . Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat.'*

*Jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, dan irid jipprovah hu. Dan japplika f'kull kaz, anke fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f'dawn il-kazijiet, izda jekk l-imputat jixtieq jallega xi difiza taht l-artikolu 77, il-prova jrid jforniha hu.*

*L-import ta' l-artikolu 77 gie ukoll trattat fl-appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Said" Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et" u fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant" fejn ukoll gie ribadit il-principju li jekk tinqala kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skond il-ligi, l- prova relattiva tmiss lill-imputat. (Ara ukoll f'dan is-sens A.K. Pul vs Scire'; A.K. Pul vs A. Mifsud u A.K. Pul vs M.Agius). Ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha l-ewwel taghmel prova "prima facie", ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana, li d-dazju ma kienx thallas, imbaghad kien japplika id-dispozittiv taht l-artikolu 77 ta' l-istess Ordinanza li jitfa' l-oneru tal-prova li id-dazju effettivament kien thallas fuq l-appellat.*”

Fil-każ li għandha quddiemha u stabbilit il-legam konklussiv bejn l-imputat u l-konsenja tax-xorb intiża għall-esportazzjoni u li dwarha jirriżulta[25] li ma kienx tħallas id-dazju fuqha, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat kif imiss li d-dazju fuq ix-xorb li nstab fil-pussess jew taħt il-kontroll tal-imputat, kif diġa' stabbilit, ma kienx imħallas u dwar dan l-imputat kien konxju.  L-imputat ma ressaq ebda prova biex juri

[25] Ara xhieda ta' Peter Grima.

li kuntrarjament għal dak li jirriżulta mill-provi tal-Prosekuzzjoni, id-dazju fuq il-konsenja in diżamina kien imħallas.

Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova sodiafaċjentement il-valur tal-kaxxi tax-xorb li ġew konfiskati mill-pussess tal-imputat. Il-valur li ġie attribwit lill-kaxxi tax-xorb li ġew konfiskati, 610 b'kollox, huwa ta' Lm6,099 li jirriżulta mill-*letters to prosecute* Dok. CA u Dok. JB1 u min-nota ta' qbid Dok. JB2, liema valur isarraf fl-ekwivalenti ta' ċirka USD 14,670. Dan hu viċin ħafna tal-valur *pro rata* ta' 610 kaxxa tax-xorb[26] abbażi tal-valur ta' 1,060 kaxxa, liema valur kien ta' USD24,380 kif dikjarat fid-dokument esebit minn Peter Grima[27], kif ġie del resto affermat mill-istess Peter Grima fix-xhieda tiegħu. Fil-fatt, il-valur ta' USD 14,030 li f'Liri Maltin huwa Lm5,689.53, huwa viċin ħafna tas-somma ta' Lm6,099 skont ir-rata tal-kambju applikabbli f'Marzu 2007 id-data tal-konfiska.

L-imputat ma ressaq ebda kontestazzjoni dwar il-komputazzjoni tal-valur, lanqas dwar ir-rata tal-kambju u għalhekk il-Qorti, anke abbażi tal-preżunzjoni fl-artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana, tqis li huwa ppruvat fil-grad meħtieġ li dan il-valur huwa korrett. Inoltre, abbażi tal-valur ta' Lm6,099, ġew komputati taxxi tad-dazju tas-sisa u l-VAT, fis-somma ta' Lm34,154.40 u Lm6,038.01 rispettivament.

**Għaldaqstant, wara li rat l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 60(1)e), 62(f)(g)(h)(k)[28] u l-paragrafu (a) tat-tieni proviso tal-istess artikolu 62[29] u l-Iskeda, tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 16(j)(n) u 17(a)(b) tal-Att XVI tal-1995 tal-Liġijiet ta' Malta[30] u l-artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998), issib lil CHRISTOPHER DRAGO ħati tal-imputazzjoni u tikkundannah priġunerija għal sena iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma**

[26] USD14,030.
[27] Parti minn Dok. PG1, f'paġna 114 tal-atti tal-kawża.
[28] Kif kien fis-seħħ qabel l-emendi tal-Att XIII tal-2005 in kwantu l-multa.
[29] Kif kien fis-seħħ ukoll fiż-żmien tar-reati, meta ż-żmien ta' prġunerija kien sa massimu ta' sentejn.
[30] Kif sussegwentement emendat bl-Att II tal-2002.

**tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien sentejn il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tikkundannah ukoll *multa* komplessiva ta' mija u disat elef Euro (€109,000.00)[31]**

**Billi l-oġġetti maqbuda diġa' ġew konfiskati *ipso iure* bl-applikazzjoni tal-artikolu 72(5) tal-Ordinanza tad-Dwana, mhux il-każ li tordna l-konfiska tal-istess oġġetti.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[31] Ċioe' multa li tkun daqs it-total meta jingħaddu flimkien l-ammont tad-dazju li jkollu jitħallas fuq l-oġġetti (Lm34,154.40), u d-doppju tal-valur ta' l-oġġetti (Lm6,099 għal darbtejn = Lm12,198). B'kollox, Lm46,352.40 (€107,972.05), u multa ta' €1,027.95 (mhux iktar minn ħamest elef Lira Maltin taħt l-Att XVI tal-1995). Bl-applikazzjoni tal-artikolu 80 tal-Att XXII tal-1998, qed tiġi imposta piena ta' priġunerija komplessiva u mhux multa.